MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Numru. 996/2008

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Borg)
vs
Martin Muscat, iben john Mary, imwieled Pieta’ fl-24 ta’ Novembru, 1968

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fit-23 ta’ Settembru, 2008 u fil-ġranet u fix-xhur ta’ qabel, f’Malta xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, li sar f’Malta jew xjentement, b’kull mod indaħal biex ibiegħ jew imexxi dawn l-oġġetti.
Il-Qorti ġiet mitluba li tapplika l-artikolu 383 tal-Kodiċi Krimianli.
Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li

għandhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ April, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra ttiegħu.  Rat l-artikolu 334 (a) tal-Kodiċi Kriminali.  Ikkunsidrat dwar il-piena.  Illi l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu fi stadju bikri ta’ din il-kawża, il-fedina penali netta u il-fatt li l-gaffa nstabet f’kondizzjoni tajba u għalhekk tista’ tiġi mogħtija lura lil sidha.  Għalhekk, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.  Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.  Lanqas hemm lok għall-applikazjzoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma nqabdu ebda esperti f’din il-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------